**JUNIOR LYCEUM & SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2004**

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 5** | **SOCIAL STUDIES (GENERAL)** | **TIME: 1hr 45mins** |
|---|---|---|

Name: ______________________________ Class: _______________

## TAQSIMA A

***Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:***

Hu probabli li persuni b'diżabilita' ikunu tliet darbiet aktar qegħda u sitt darbiet aktar mhux aċċettati għall-impjieg minn persuni li mhumiex.
L-iskuża l-aktar komuni għaliex ma jiġux impjegati hi li ma jkunx hemm aċċess għall-wheelchair. Inqas minn 5% tal-persuni b'diżabilita' jużaw il-wheelchair.
70% tal-persuni b'diżabilita fit-Tielet Dinja spiċċaw f'dan l-istat minħabba nuqqas ta' ikel jew ikel mhux sustanzjuż, mard, inċidenti, vjolenza u nuqqas ta' servizzi ta' saħħa.
50% tat-tfal b'diżabilita' fl-Afrika t'Isfel qatt ma marru skola.
Ħaddiema b'diżabilita' jaqilgħu 20% inqas minn sħabhom li mhumiex.
Madwar wieħed kull 250 Kambodjan hu b'sieq waħda. Aktar minn 100,000 Kambodjan spiċċaw persuni b'diżabilita' permezz tal-landmines.
Disgħa minn kull għaxart itfal li huma fiżikament diżabbli fit-Tielet Dinja ma jgħixux aktar minn għoxrin sena.

1. X'tifhem b'persuna b'diżabilita'? (5)
2. Semmi żewġ tipi ta' diżabilita' li jeżistu u fisser x'inhuma. (6)
3. Semmi żewġ kawżi li jwasslu għad-diżabilita'. (2)
4. Kif tiġi affettwata l-ħajja ta' persuni b'diżabilita'? (5)
5. L-ikbar ostaklu li jħabbtu wiċċhom miegħu persuni b'diżabillta' mhux id-diżabilita' fiha nnifisha imma li emarġinati u minsija fis-soċjeta'. Agħti tliet raġunijiet għaliex is-soċjeta' tittratta lill-persuni b'diżabilita' b'dan il-mod. (6)
6. Is-soċjeta' Maltija kif tista' tiddedika l-attenzjoni u r-riżorsi għall-persuni b'diżabilita'? (6)

## TAQSIMA B

***"In-nisa huma nofs il-popolazzjoni tad-dinja, terz tal-ħaddiema u jagħmlu kważi żewġ terzi mill-ħinijiet tax-xogħol tad-dinja. Madankollu jirċievu direttament wieħed minn kull għaxra mid-dħul tad-dinja u għandhom inqas minn wieħed fil-mija mill-propjeta' tad-dinja."***

F'mhux inqas minn 100 kelma semmi xi oqsma soċjali fejn l-ugwaljanza bejn is-sessi (bejn irġiel u nisa) tista' titjieb. (20 marka)

## TAQSIMA Ċ

***<u>Agħżel TNEJN minn dawn u ikteb mhux inqas minn 250 kelma fuq kull waħda.</u>***

1. X'tifhem bil-qasma Nord-Sud? Ikteb artiklu għall-ġurnal indirizzat lil tfal ta' bejn il-11 u l-14-il sena fejn tispjega x'inhi din il-qasma u agħti eżempji biex turi d-differenza bejn pajjiżi għonja u dawk foqra.

2. Ilkoll nagħmlu parti mid-dinja u lkoll niddependu minn xulxin biex ngħixu. Ikkummenta.

3. X'ħidma qed issir biex tiġi ikkontrollata l-problema ta' l-abbuż mid-droga f'Malta? Taħseb li hi effettiva?

4. X'differenza tgħaddi bejn 'preġudizzju' u 'grupp etniku'? Taħseb li s-soċjeta' Maltija hi razzista? Saħħaħ it-tweġiba b'eżempji.

**(25 x 2 = 50 marka)**